# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

### Illum, il-Gimgha, 1 ta' Gunju, 2018

**Mandat Inibizzjoni Numru 765/18 TA**

**Joseph Demicoli (ID 380955M) u Paul Piscopo (ID 141162M) ghan-nom u in rappresentanza tal-Koperattiva Ghaqda Koperattiva tas-Sajd Limited**

**vs**

**Angelic Mifsud (ID 47569M), iben Carmelo u Lilian nee Galea, imwieled tas-Sliema, residenti 17, Denci, Triq l-Imriekeb, Marsaskala**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors odjern presentat fl-10 ta' Mejju 2018;

Rat is-risposta tal-intimati nomine tas-17 ta' Mejju 2018;

Rat id-dokumenti kollha esebiti;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet;

Semghet ukoll is-sottomissjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Minn ezami tas-Sentenza (a` fol 27) jemergu diversi diskrepanzi kemm fil-passaggi taghha u kif ukoll fil-parti fejn provdiet ghad-decizjoni taghha.

Minn ezami mill-qrib tal-atti presentati zgur hija konspikwa din id-diskrepanza:

(1) li fil-waqt li r-Rikors guramentat tal-Ghaqda Rikorrenti li pprovoka s-Sentenza fuq imsemmija ta' dik il-Qorti, kien jikkontjeni talba wahda u cioe` li dik il-Qorti "*tikkundanna lill-Konvenuti ihallsu is-somma ta' mija hamsa u hamsin elf u mija u tlieta ghoxrin ewro (Eur155,123.00) bilanc dovut mill-Konvenuti bhala operator's fee oltre it-tmintax fil-mija (18%) VAT u bl-imghax mill-1 ta' Dicembru 2011.*";

(2) Min-naha l-ohra s-Sentenza citata tippremetti li t-talba kienet fis-sens li *"Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lir-rikorrenti l-ammont ta' €155,123.00 bilanc dovut bhala 'operators' fee' oltre t-18% VAT, u bl-imghax mill-1 ta' Dicembru, 2011"*. Ghalhekk anke sa dan l-istadju tas-Sentenza temergi diskrepanza bejn dak li intalab u dak li l-Qorti qalet li qed jintalab.

Fid-decide tal-istess Sentenza, fil-waqt li rrispingiet ir-risposti tal-intimat ***propio*** *et nomine* (emfazi ta' din il-Qorti), akkoljiet it-talbiet tar-Rikorrenti izda ikkundannat ghall-hlas lis-Socjeta' intimata biss. Tajjeb li jigi osservat li l-Konvenut fil-vesti personali tieghu ma giex illiberat mill-osservanza tal-gudizzju. Pero' ikkundannatu mhux biss ghall-ispejjes tal-Kawza izda anke ghall-imghaxijet fuq il-Kapital!

Minn dak li rrisulta lill-Qorti (ara dok JDX ), l-Ghaqda Rikorrenti ddeduciet il-pretensjoni taghha, liema pretensjoni qed tipprova tikkawtela permezz tal-presenti proceduri, abbazi tal-artiklu 253 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta. Il-Qrati taghna dejjem ghallmu, li "l-procedura ta' reklam 'ab omissa decisone' tirriferixxi ghall-kazijiet li tithalla barra fis-sentenza xi wahda mit-talbiet proposti" (**Kollez Vol XXXVII pI p80**).

Id-diskrepanzi u divergenzi li jesistu fis-Sentenza imsemmija aktar 'l fuq, inkwantu jirrigwarda t-talbiet tal-Ghaqda Rikorrenti f'dik il-Kawza, hija l-*vexata quaestio* legali li trid tirrisolvi dik il-Qorti li giet adita biex tiehu konjizzjoni dwar jekk jesistux l-elementi guridici tal-"ab ommissa decisione" taht l-artiklu 253 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fic-cirkostanzi tal-kaz, li l-punt inkwistjoni irid jigi approfondit mill-istess Qorti li emanat dik id-decizjoni.

Ghalhekk ai fini biss tal-proceduri odjerni, din il-Qorti tqis li l-Ghaqda Rikorrenti irnexxilha tipprova li ghandha *prima facie* dritt li jimmerita li jkun imhares pendenti l-Kawza fuq imsemmija.

Minn naha l-ohra l-Intimat ghandu ragun meta ghid li l-immobbli mertu tar-Rikors, anke jekk tintlaqa' it-talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni, dan ma jistax jigi kolpit fl-intier tieghu, izda biss sal-limitu tan-nofs indiviz peress li in-nofs l-iehor jappartjeni lil Monica Louise Sciberras.  Dan, il-Qrati jippermettuh ( ara **Atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 1751/06 flismijiet: Nazzareno *sive* Leonard u Margaret konjugi Caruana -vs- Jasper Developments Limited (C39645) - Provvediment tad-29 ta' Mejju 2008.** )

Ghaldaqstant il-Qorti qed **tilqa'** t-talbiet tal-Ghaqda Rikorrenti kif mitluba u konsegwentement qed tordna l-hrug tal-Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat, limitatament ghan-nofs indiviz tal-immobbli deskritt fir-rikors odjern u dan sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jitrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu l-istess nofs indiviz tal-immobbli imsemmi.

Il-Qorti qeghdha ghalhekk ukoll tvarja d-digriet taghha tal-10 ta' Mejju 2018, fis-sens li filwaqt li qed tikkonfermah, l-ordni provizjorja hemm imsemmija, ghandha tkun limitata ghan-nofs indiviz tal-immobbli deskritt fir-rikors odjern.

Spejjes tal-presenti, riservati ghal mal-gudizzju definittiv fl-atti tar-Rikors numru 448/2018SM fl-ismijiet Joseph Demicoli et nomine -vs- Angelic Mifsud proprio et nomine presentat fl-10 ta' Mejju 2018.

Il-Qorti qed tordna li dan id-digriet jigi notifikat lir-Registratur tal-Artijiet u lid-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Moghti kameralment illum, 1 ta' Gunju, 2018.**

**Imhallef Toni Abela**